MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 3365/1996/1

**Josephine Ellul.**

**vs.**

**Assuero Ellul.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fid-9 ta’ Marzu 1990 fejn mill-imsemmi zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

Illi l-hajja ta’ bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba minacci, eccessi, swat, adulterju, mohqrija da parti tal-konvenut kif ukoll minhabba inkompatibilita` ta’ karattru.

Illi ma jidhirx li hemm tama ta’ rikonciljazzjoni, anzi l-affarijiet qeghdin jaggravaw rwiehom u l-Qorti tat permess biex tghaddi ghas-separazzjoni personali: digriet 1057/96 “A”.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

a) Tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan htija esklussiva tal-konvenut *stante* minacci, eccessi, swat, mohqrija kif ukoll minhabba inkompatibilita` ta’ karattru.

b) Tillikwida u x-xolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut u li jikkonsenja tali beni dotali u parafernali.

**c)** Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48, 50 u 51.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 6 tal-process;

Rat il-verbali ta’ l-24 ta’ Settembru 1998, tad-29 ta’ Ottubru 1998 fejn il-kawza giet differita biex jigi trattat ir-rikors tat-28 ta’ Awissu 1998; tat-12 ta’ April 1999 fejn ma deher hadd u l-Qorti b’decizjoni taghha cahdet it-talba tal-konvenut u nnominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju; tat-2 ta’ Lulju 1999; ta’ l-20 ta’ Jannar 2000; ta’ l-1 ta’ Gunju 2000; ta’ l-4 ta’ Dicembru 2000; tat-18 ta’ Gunju 2001; tas-26 ta’ Novembru 2001; ta’ l-24 ta’ Ottubru 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex jipprezenta l-affidavits tieghu rigward il-gustifikazzjoni tal-kontumacja, fi zmien ghoxrin gurnata bin-notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu ghoxrin gurnata ghall-prezentata ta’ l-affidavit responsiv u dan *stante* li jrid jigi deciz ir-rikors tat-28 ta’ Awissu 1998 u l-Qorti irrevokat l-inkarigu ta’ l-Assistant Gudizzjarju; tad-9 ta’Jannar 2003 fejn il-Qorti rat

li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova, ma rnexxilux jipprova l-allegazzjonijiet tieghu u ma iggustifikax il-kontumacja tieghu, ghalhekk il-Qorti b’decizjoni taghha tad-9 ta’ Jannar 2003 cahdet ir-rikors tal-konvenut tat-28 ta’ Awissu 1998; u ta’ l-20 ta’ Frar 2003 fejn Dr. Mark Busuttil ghall-attrici li ddikjara li m’hemm xejn x’jigi likwidat u l-Qorti tat l-fakolta` lill-konvenut li jipprezenta nota t’osservazzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata bin-notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu ghoxrin gurnata ghar-risposta; u il-kawza giet differita ghas-sentenza ght-8 ta’ Mejju 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-28 ta’ Awissu 1998 fejn talab lill-Qorti tawtorizzah jippurga l-kontumacja tieghu, u tghaddi sabiex tiffissa zmien li fih ghandu jipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Settembru 1998 fejn il-Qorti ordnat li ssir in-notifika tar-rikors lill-kontroparti b’erbat ijiem zmien ghar-risposta u d-decizjoni taghha tad-9 ta’ Jannar 2003 fejn cahdet ir-rikors tal-konvenut tat-28 ta’ Awissu 1998.

Rat in-nota ta’ Dr. Joseph M. Sammut tat-23 ta’ Gunju 2000 li permezz taghha irrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-15 ta’ Mejju 2000; tal-25 ta’ Mejju 2000; tas-16 ta’ Gunju 2000 fejn xehdet l-attrici (a fol. 24); ta’ l-10 ta’ Lulju 2000; tat-30 ta’ Novembru 2000; tad-9 ta’ Jannar 2001 fejn kompliet tixhed l-attrici (a fol. 34); tat-12 ta’ Marzu 2001; tat-18 ta’ Settembru 2001;u tal-11 ta’ Dicembru 2001.

Rat id-digriet tat-22 ta’ April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat li l-konvenut ma pprezenta l-ebda nota ta’ osservazzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li tissepara mill-konvenut minhabba li hija qed tallega li l-istess konvenut kien hati lejha ta’ minacci, eccessi, swat, adulterju, u mohqrija b’mod li l-hajja bejniethom saret impossibbli u dan apparti nkompatibilita` ta’ karattru.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien hati vero l-attrici ta’ minacci ecessi u mohqrija, anke peress li ma kellhu xejn rispett ghall-martu tant li kien jghidliha li ma riedx tfal minnha ghaliex jippreferi li jkollhu tfal minn prostituta; ftit jew xejn kien imantni lill-martu u fil-fatt kull ma damu flimkien kien biss ghall xi sena jekk mhux inqas minn meta zzewgu fid-9 ta’ Marzu 1990 u ghalhekk din it-talba ghanda tigi miqluha fuq din il-bazi biss.

Illi konsegwentement ghall din id-decizjoni din il-Qorti tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b’effett mill-1 ta’ April 1991, u tiddikjara li tikkonsisti f’kamra tas-sodda, trolley u *stand* tal-kewba, u dawn ghandhom jigi assenjati lill-attrici b’applikazzjoni wkoll tal-**artikolu 54 (6),** u dan in parte u fis-sens li ma jidhirx li l-konvenut qatt hallas xi manteniment lill-attrici sallum. Tali dritt ta’ manteniment pero’ jidher li jissussisti fil-konfront tal-attrici ghalkemm ma jidhirx li saret talba ghalih f’din ic-citazzjoni, u allura jibqa’ riservat id-dritt tal-attrici li titlob tali manteniment lill-konvenut.

Illi jidher li l-istess attrici ghandha wkoll bhala beni parafernali taghha *corner* tal-kewba, *stand* tal-qsari, mejda tas-salott u salott u vetrina u dawn ghandhom jigu ritornati lill-attrici mill-konvenut bhala naturalment bhala beni parafernali taghha.

Illi dwar it-tielet talba fic-cirkostanzi ghandhom jigi applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikolu**

**48,** b'dan li ai fini tal-**artikolu 48 (1) (c)** d-data meta l-konvenut ghandhu jkun konsidrat li ta lok ghall firda hija dik tal-1 ta' April 1991.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

(a) Tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan htija esklussiva tal-konvenut *stante* minacci, eccessi, u mohqrija.

(b) Tordna ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u dan b'effett mill-1 ta' April 1991 u tillikwida l-istess u tiddikjara li tikkonsisti f'kamra tas-sodda, trolley u *stand* tal-kewba, u dawn ghandhom jigi assenjati lill-attrici b'applikazzjoni wkoll tal-**artikolu 54 (6),** u dan in parte u limitatament ghall fatt li ma jidhirx li l-konvenut qatt ma hallas xi manteniment lill-attrici sallum, ghalkemm jirrizulta li l-attrici ghandha tali dritt u dan jibqa' veljanti ghall-futur.

Illi tiddikjara wkoll li l-attrici ghandha wkoll bhala beni parafernali taghha *corner* tal-kewba, *stand* tal-qsari, mejda tas-salott u salott u vetrina u dawn ghandhom jigu ritornati lill-attrici mill-konvenut.

(c) Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48, 50 u 51** b'dan li *ai fini* tal-**artikolu 48 (1) (c)** d-data meta l-konvenut ghandhu jkun konsidrat li ta lok ghall firda hija dik tal-1 ta' April 1991.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------